**25 ta' Frar, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Avukat Dottor Philip Manduca *noe*

*versus*

Avukat Dottor Mark Chetcuti *et noe*

**Eċċezzjoni ta' Nuqqas ta' Ġurisdizzjoni – Ħtieġa li l-Oġġett innifsu mertu tal-Kawża jrid ikun jinsab Malta – Depożitu Bankarju**

*Il-Qrati ta' Malta għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw kull persuna f'kawżi dwar ħwejjeġ li jinsabu f'Malta. Il-każ l-aktar komuni hu meta l-oġġett tal-kawża jkun immobbli sitwat hawn Malta, però jista jkun il-każ ukoll ta' mobbli.*

*Irid jiġi rrilevat li għalkemm jeżisti depożitu bankarju f'Malta li jidher li ġie sekwestrat mill-attur "ad fundandam jurisdictionem" u li għalhekk teżisti l-potenzjalità ta' esekuzzjoni effettiva (għalkemm in parti) ta' eventwali sentenza ta' dawn il-Qrati, però dan il-fatt waħdu ma jirradikax il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti billi jonqsu elementi oħra li jissemmew fl-artikolu 742(1)(g) tal-Kap. 12.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-attur fit-tletin (30) ta' Awissu 1990 għadda f'idejn il-konvenut li aċċetta f'isem u għan-nom tal-Flemming Trust l-ammont ta'

ħames mija ħamsa u għoxrin elf lira sterlina (£525,000) u ċjoè l-ekwivalenti għal ċirka Lm294943.82;

Peress illi l-konvenut f'isem u għan-nom ta' l-istess Flemming Trust irċieva wkoll l-ammonti ta' tliet mija sitta u għoxrin elf, mitejn u lira sterlina u disgħa u tmenin *pence* (£326,201.69) u mija u tletin elf, mitejn u seba' dollari Amerikani ($130,207.00) u ċjoè l-ekwivalenti għal ċirka Lm183259,48 u Lm42002.25 rispettivament;

*Peress illi* dawn *l*-ammonti *kollha* huma *flus ta' l-istess* Flemming Trust u ġew mogħtija lill-konvenut sabiex iżommhom għan-nom ta' l-istess Trust;

*Peress illi l-attur sar jaf li l-konvenut* iddepożita u għamel użu mill-istess flus għalih innifsu u b'mod partikolari skopra illi ġie ddepożitat l-ammont fuq imsemmi ta' $326.201,89 mill-istess Kelvyn J. Rosier f'*account* mal-*Bank of Valletta Limited* f'*account* imsejjaħ Kelvyn J. Rosier *Clients Account New Investment Corp. Account No.* 119.0975701 – 6 (Dok Ċ) u llum hemm il-bilanċ ta' $377209.17 oltre l-imgħax fl-istess *account;*

Peress illi minkejja t-talbiet ta' l-attur sabiex il-konvenut jirritorna dawn l-ammonti l-konvenut baqa' inadempjenti l-istess attur *nomine* talab li dina l-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenut li jirritorna u jirrifondi lilu l-ammonti fuq imsemmija ta' £525.000, £326,201.89 u $130,207.00 u ċjoè s-somma globali ta' ċirka Lm520,205.55 jew somma verjuri skond ir-rata tal-kambju fid-data tas-sentenza dovuta lilu kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ddatat 10 ta' April 1992 u ta' l-ittra uffiċjali ddatata 14 ta' April 1992 u bl-imgħaxijiet relattivi. B'riserva għal kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lill-attur *nomine;*

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 1992 il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-ewwel eċċezzjoni ta' l-avukat Dottor Anthony Rutter Giappone bħala mandatarju speċjali tal-konvenut Kelvyn J. Rosier li biha eċċepixxa n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti;

Semgħet it-trattazzjoni orali ta' l-abbili difensuri u eżaminat akkuratament in-noti ta' osservazzjonijiet li skambjaw dwar il-kwistjoni ġurisdizzjonali;

Ikkunsidrat:

Illi biex jikkumbatti din l-eċċezzjoni l-attur invoka l-inċiż (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 742 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (*Kapitolu 12*);

Bis-saħħa ta' din id-disposizzjoni l-Qrati ta' Malta għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw kull persuna f'kawżi dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;

Irid jiġi enfassizat li biex il-Qorti Maltija tirradika l-ġurisdizzjoni tagħha fuq din id-disposizzjoni jrid ikun hemm '*sine qua non*' ir-rekwiżit li l-oġġett innifsu meru tal-kawża jrid ikun jinsab f'Malta. Il-każ l-aktar komuni hu meta l-oġġett tal-kawża jkun immobbli sitwat hawn Malta però jista' jkun il-każ ukoll ta' mobbli;

Illi ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-azzjoni tentata mill-attur ma hijiex waħda *'in rem'* iżda invece hi waħda *'in personam'*. Biha l-attur qiegħed jitlob li l-konvenut Rosier ikun ikkundannat li jirrifondi lil "Flemming Trust" l-ammont ta' £stg.525.000; £stg.326.201 u $130,207 ċjoè s-somma globali ta' ċirka Lm520,205 jew somma verjuri skond ir-rata tal-kambju fid-data tas-sentenza. Ir-rifużjoni qiegħda tintalab billi l-istess flejjes ingħataw lill-konvenut sabiex iżommhom għan-nom ta' l-istess "Trust" u l-kawża qiegħda ssir billi l-konvenut ġie mitlub li jirritorna dawn l-ammonti, iżda baqa' inadempjenti;

Jidher mhux ikkontestat li l-partijiet assolutament ma għandhom l-ebda rabta jew ness ma' Malta ħlief li l-konvenut għandu kont bankarju hawn. Fil-proċess hemm esebita kopja ta' *"statement of account"* dwar kont nru. 119 – 0975701 – 61 f'isem Kelvyn J. Rossier *Clients Account (New Investment Corp. C/O Suite 2, International Hse, Naxxar Road,* San Ġwann. Jidher li l-kont infetaħ bis-somma ta' £stg.326,201.89 li hu eżattament ammont wieħed minn dawk li rċieva l-konvenut mingħand il-Flemming Trust. L-attur irriserva li jippreżenta provi dwar dan, però f'dana l-istadju din il-prova ma tidhirx li hi neċessarji billi din il-qorti qiegħda għall-grazzja ta' l-argument tassumi li din il-prova saret;

L-attur jargumenta li din hija azzjoni fuq ħaġa li tinsab Malta u mhux azzjoni ta' kreditu. Huwa ssottometta li għalhekk din il-Qorti hija vestita b'ġurisdizzjoni *ai termini* ta' l-imsemmija disposizzjoni 742(1)(ċ);

Illi din il-Qorti ma tistax tikkondividi din il-fehma ta' l-attur, billi waslet għall-konklużjoni li d-disposizzjoni invokata minnu m'hijiex applikabbli għall-każ odjern u dan għar-

raġunijiet segwenti;

1. Huwa veru li l-kont bankarju speċifiku jissemma fil-premessi taċ-ċitazzjoni, però dan il-kont bl-ebda mod ma jinkwadra ruħu fit-talba ta' l-attur. Hija eżattament it-talba taċ-ċitazzjoni li tiddetermina eżattament x'tip ta' azzjoni qed jesperixxi l-attur;

2. L-azzjoni esperita mill-attur hi waħda ta' kanonizzazzjoni ta' allegat kreditu u ma tikkonċernax id-depożitu li jinsab f'Malta. Tant hu hekk li l-kanonizzazzjoni qiegħda tintalab għal somma ferm akbar mill-ammont iddepożitat fil-kont in kwistjoni;

3. Illi skond il-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) id-depożitu bankarju in kwistjoni hu kkonsiderat bħala mutwu (artikolu 1894). Issa, *f'dan it-tip ta' kuntratt, min jissellef (ċjoè l-Bank)* isir sid il-ħaġa mislufa (artikolu 1843) u ma għandu obbligu li jrodd lil min jislef daqshekk ieħor ta' l-istess xorta u kwalità. Konsegwentement "il-ħaġa" li allegatament ġiet imgħoddija lill-konvenut, u li hu ddepożita f'Malta, sar sid tagħha l-Bank fejn sar id-depożitu. Għalhekk il-konvenut għandu kreditu kontra l-bank però l-konvenut ma baqax pussessur tal-"ħaġa" nnifisha li allegatament ġiet imgħoddija lilu mill-Flemming Trust;

Illi fl-aħħarnett irid jiġi rrilevat illi l-fatt li jeżisti id-depożitu bankarju f'Malta – li jidher li ġie ssekwestrat mill-attur "*ad fundandam Jurisdictionem*", – u li għalhekk teżisti l-potenzjalità ta' esekuzzjoni effettiva (għalkemm in parti) ta' eventwali sentenza ta' dawn il-Qrati, però, dan il-fatt waħdu ma jirradikax il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti. Dana billi jonqsu elementi oħra li jissemmew fl-artikolu 742(1)(g) tal-Kap. 12. Difatti din l-aħħar

immsejħa disposizzjoni ma hijiex applikabbli għall-każ billi l-attur ma hux ċittadin ta' Malta;

Illi għalhekk din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-kontroversja bejn il-kontendenti f'din il-kawża ma taqax taħt l-ebda waħda mill-ipotesijiet ikkontemplati fl-artikolu 742 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Konsegwentement din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddeċidi din il-kawża u għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut għandha tintlaqa' a tenur ta' l-artikolu 741(a) ta' l-istess Kodiċi;

Għal dawn il-motivi:

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti u konsegwentement tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż għall-attur *nomine*.